Ghejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj

Holqa bejn il-Ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja ppubblikata mis-Socjeta' Patristika Maltija

Nru 25 29 ta' April 2020

Kelmtejn bejn il-Ħbieb

Għeżież ħbieb,

Nittama li tinsabu tajbin u f'saħħitkom. Ftit aktar minn xahar ilu, ktibtilkom dwar Randan partikulari għall-aħħar, minħabba ċ-ċirkustanzi li ninsabu fihom. Il-fatt hu li għadna fl-istess ilma, u għalhekk se jkollna naċċettaw il-fatt li ninsabu fi Żmien il-Għid li qatt ma għexna bħalu qabel. Dan iż-żmien sabiħ tar-rebbiegħa jaħbat maż-żmien liturġiku tal-Għid ... żmien li nassoċjawh mat-Tberik tal-Familji, it-tħejjija għall-Ewwel Tqarbina taż-żgħar tagħna, u f'xi parroċċi maż-żmien li fih jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Huwa wkoll il-perjodu li jiftaħ l-istaġun tal-festi titulari.

Is-soltu, għall-ħabta ta' Mejju, is-Soċjetà Patristika Maltija torganizza Taħdita Pubblika. Ħafna minnkom jiftakru t-taħditiet sbieħ, informattivi u utli mogħtija lilna, fis-snin li għaddew, minn Dun Jonathan Farrugia, Fra Gioele Galea u Patri Joseph Ellul O.P. Naturalment, din is-sena dan mhuwiex possibli.

Il-kontribut prinċipali tagħna bħalissa huwa serje ta' programmi dwar *L-Istqarrijiet ta' Santu Wistin* fuq Radju Marija. Id-direzzjoni ta' dan ir-Radju, bħal bosta stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni, qed joħorġu programmi mill-arkivji diġitali tagħhom. Is-serje dwar il-mixja spiritwali ta' Santu Wistin kienet ixxandret sena ilu. F'rokna oħra ta' din in-*Newsletter* issibu d-dettalji tal-ħinijiet tal-programmi.

Kontribut ieħor huwa l-artiklu li jidher fit-tieni Ħadd tax-xahar fuq il-gazzetta tal-Azzjoni Kattolika, *Il-Leħen*. Fil-fatt, nhar Ħadd il-Għid deher l-artiklu ta' Patri Pierre Desira O.S.A. dwar San Klement ta' Ruma. Fit-tieni Ħadd ta' Mejju, 10 ta' Mejju, għandu jidher l-artiklu ta' Dr Nadia Delicata dwar San Massimu l-Konfessur. Sa issa, minn Ottubru 2016, diġà dehru 43 artiklu dwar Missirijiet il-Knisja. Nittamaw li 'l quddiem, inkunu f'pożizzjoni li niġbruhom kollha fi ktieb li jagħti l-bijografiji li dehru u xi siltiet patristiċi għar-riflessjoni.

Għal-lum nieqaf hawn, filwaqt li nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom kull ġid fil-Mulej, u kull saħħa fir-ruħ u fil-ġisem. Nawgura dan ... *auspicium melioris aevi* ... li jkollna żmien aħjar!

Dun Hector Scerri
President

Ħsieb għar-Raba' Ħadd tal-Għid

Qari mill-Omeliji fuq l-Evanġelji tal-Papa San Girgor il-Kbir

Kristu, ir-ragħaj it-tajjeb

Jiena r-ragħaj it-tajjeb. Jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, jiġifieri jiena nħobbhom, u *n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili.* Il-Mulej qiegħed jgħidilna bi kliem ieħor li dawk li jħobbuh jagħtuh ġieħ. Min ma jħobbx is-sewwa lanqas biss jafu l-Mulej, aħseb u ara kemm se jagħtih ġieħ!

Ħuti għeżież, smajtu x'inhu t-tiġrif tagħna; araw, issa, kif kliem il-Mulej iħabbrilkom ukoll x'inhu t-tiġrif tagħkom. Araw ftit intomx tassew in-nagħaġ ta' Kristu, araw ftit tagħrfuhx, araw ftit tafux x'inhu d-dawl tas-sewwa. Fi kliem ieħor, araw tafux 'il Kristu mhux biss bil-fidi imma wkoll bl-imħabba; araw tafuhx mhux biss għax emmintu imma wkoll għax rajtu l-imħabba tiegħu. L-Evanġelista San Ġwann li kiteb il-kliem li semmejna fil-bidu, kiteb ukoll: *Min jgħid 'Jien nafu lil Alla u ma jżommx il-kmandamenti tiegħu hu giddieb.*

Għalhekk il-Mulej, fis-silta li qegħdin infissru, jgħid ukoll minnufih: *Bħalma l-Missier jagħraf lili jiena nagħraf lill-Missier: u għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti;* qisu qiegħed jgħid: Jiena nagħraf il-Missier u l-Missier jagħraf lili, għax nagħti ħajti għan-nagħaġ tiegħi, jiġifieri nuri kemm inħobb il-Missier mill-imħabba li nuri meta nagħti ħajti għan-nagħaġ tiegħi.

Il-Mulej dwar in-nagħaġ tiegħu jgħid ukoll: *In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni u jiena nagħrafhom, u huma jimxu warajja, u jiena nagħtihom il-ħajja ta' dejjem.* Fl-istess silta, ftit qabel, il-Mulej jgħid ukoll: *Jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi jsalva, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa.* Jidħol biex jikseb il-fidi, biex bil-fidi joħroġ biex jara l-verità: mit-twemmin jasal għall-kontemplazzjoni, u hekk isib fejn jirgħa fil-mergħat ta' dejjem. Infittxu mela, ħuti għeżież, dawn il-mergħat fejn ingawdu u nifirħu ma' għadd bla qjies ta' ċittadini tas-sema: l-istess ferħ u hena tagħhom hu stedina għalina! Ħa jitħeġġu qlubna, ħuti, ħa tissaħħaħ il-fidi tagħna f'dak li emminna, ħa tikber dejjem aktar fina x-xewqa tas-sema! B'hekk l-istess imħabba tagħna tkun it-triq li twassalna fis-sema.

Ebda deni ma għandu jbegħedna minn dan l-hena u minn dan il-ferħ tal-qalb, għaliex kull min irid imur fejn għamel ħsieb li jmur ma jħalli xejn ifixkillu ħsiebu. Ma nħallu mela ebda ġibda għall-hena u l-ġid ta' l-art tbegħedna mit-triq li twassalna fis-sema, għax tassew iblah hu min qiegħed jivvjaġġa u waqt il-vjaġġ iħalli ruħu tissaħħar bis-sbuħija ta' madwaru u jinsa fejn kien sejjer.

Radju Marija 102.3FM

Programm b'qari ta' siltiet mill-*Istqarrijiet* ta' Santu Wistin, u kummentarju dwarhom ...
Kull nhar ta' Ġimgħa fis-7.30pm, u b'ripetizzjoni kull nhar ta' **Sibt fit-3.30am**.